

Paġna Ewlenija > ... > Drittijietek > Il-Vittmi Ta' Delitti (għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità)
> Kumpens > Jekk It-talba Tiegħi (minn Pajjiż Ieħor) Se Titqies F'dan Il-pajjiż > Romania

Jekk it-talba tiegħi (minn pajjiż ieħor) se titqies f'dan il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut minn Rumanija



Rumanija

Liema awtorità tiddeċiedi fuq talba għal kumpens f'każijiet transfruntiera?

L-awtorità Rumena li tiegħu d-deċiżjonijiet maħtura skont l-Artikolu 3(2) hija:

Il-Qorti Distrettwali ta' Bucharest (*Tribunalul București*)

Kummissjoni għall-Għoti ta' Kumpens Finanzjarju lill-Vittmi ta' Reati (*Comisia pentru acordarea de compensații financiare victimelor infracțiunilor*)

Bulevardul UNIRII, nru 37, settur 3, Bucharest, kodiċi 030823

Tel. +40 214083600, +40 214083700

Fax +4021 3187731

Posta elettronika: tribunalul.bucuresti@just.ro

Sit web: <http://www.tmb.ro/>

Nista' nibgħat talba direttament lill-awtorità li tiddeċiedi f'dan il-pajjiż anke f'każijiet transfruntiera (mingħajr ma jkolli bżonn ngħaddi mingħand l-awtorità ta' assistenza f'art twelidi)?

Iva.

B'liema lingwa(i), l-awtoritajiet li jridu jagħtu kumpens, jaċċettaw:

- it-talba? Bir-Rumen
- id-dokumenti ta' sostenn? Bir-Rumen

Jekk l-awtorità li trid tagħti kumpens tittraduċi dokumenti tat-talba/ta' sostenn minn pajjiż ieħor tal-UE, min iħallas għal dan?

Le, mhux applikabbli.

Hemm imposti amministrattivi jew imposti oħra li għandhom jitħallsu f'dan il-pajjiż għall-ipproċessar tat-talba tiegħi (riċevuta minn pajjiż ieħor tal-

UE)? Jekk iva, kif nista' nħallas dawn?

Le.

Jekk ikolli bżonn inkun preżenti matul il-proċedura u/jew meta tkun qed tiġi deċiża t-talba tiegħi, nista' niġi rimborżat għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar? Kif nista' nagħmel talba għalihom? Lil min irrid nikkuntattja?

Il-preżenza fiżika mhijiex meħtieġa.

L-għajnuna legali tkopri wkoll l-ispejjeż tal-ivvjaġġar meta l-preżenza fiżika tkun meħtieġa mil-liġi jew mill-qorti u meta l-qorti tiddeċiedi li ma hemm l-ebda possibbiltà oħra li l-persuni rispettivi jinstemgħu kif meħtieġ.

Il-qorti tiddeċiedi jekk dawn l-ispejjeż humiex se jiġihallsu jew le u tinforma lill-parti dwar kif għandha tikruprahom.

Jiġi pprovdut interpretu, f'każ li jkolli nkun preżenti personalment?

Il-preżenza fiżika mhijiex meħtieġa.

L-għajnuna legali tkopri wkoll l-ispejjeż tal-ivvjaġġar meta l-preżenza fiżika tkun meħtieġa mil-liġi jew mill-qorti u meta l-qorti tiddeċiedi li ma hemm l-ebda possibbiltà oħra li l-persuni rispettivi jinstemgħu kif meħtieġ.

Il-qorti tiddeċiedi jekk dawn l-ispejjeż humiex se jiġihallsu jew le u tinforma lill-parti dwar kif għandha tikruprahom.

Iċ-ċertifikati mediċi, mogħtija mit-tobba mill-pajjiż fejn għandi r-residenza tiegħi, jiġu aċċettati jew rikonoxxuti, jew is-saħħa tiegħi/korriment ikun irid jiġi eżaminat minn esperti mediċi t'hemmhekk stess?

Dan huwa eżaminat mill-awtorità Rumena maħtura għat-teħid tad-deċiżjonijiet, jiġifieri l-Kummissjoni għall-Għoti ta' Kumpens Finanzjarju lill-Vittmi ta' Reati tal-Qorti Distrettwali ta' Bukarest.

Ser ningħata lura l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħi, jekk ikolli nagħmel eżami mediku f'dan il-pajjiż?

Il-qorti tiddeċiedi jekk dawn l-ispejjeż humiex se jiġihallsu jew le u tinforma lill-parti dwar kif għandha tikruprahom.

Kemm tiegħu żmien biex l-awtorità tiddeċiedi dwar talba għal kumpens?

Bejn sena u sentejn.

B'liema lingwa nista' nirċievi d-deċiżjoni dwar it-talba tiegħi?

Bir-Rumen.

Jekk ma nkunx sodisfatt bid-deċiżjoni, kif nista' nikkontestaha?

Meta tiddeċiedi dwar it-talba għal kumpens finanzjarju jew it-talba għal ħlas bil-quddiem mill-kumpens finanzjarju, il-Kummissjoni għall-Għoti ta' Kumpens Finanzjarju lill-Vittmi ta' Reati, li jikkonsisti f'bord ta' żewġ imħallfin, tista' tagħti waħda mis-soluzzjonijiet li ġejjin f'deċiżjoni:

1. li taċċetta t-talba, tiddetermina l-valur tal-kumpens finanzjarju jew, fejn applikabbli, tal-ħlas bil-quddiem li

jsir minnha;

2. li tirrifjuta t-talba jekk ir-rekwiżiti taħt din il-liġi għall-għoti ta' kumpens finanzjarju jew, fejn applikabbli, il-ħlas bil-quddiem li jsir minnha ma jkunux ġew sodisfatti.

Id-deċiżjoni dwar it-talba għal kumpens finanzjarju jew it-talba għal ħlas bil-quddiem mill-kumpens finanzjarju tiġi nnotifikata lill-vittma.

Id-deċiżjoni tista' tiġi kkontestata quddiem il-qorti tal-appell fi żmien 15-il jum min-notifika.

Nista' ningħata għajnuna legali (għajnuna minn avukat) taħt ir-regoli tal-pajjiż l-ieħor?

Tista' tirċievi għajnuna legali pubblika skont il-liġi Rumena (l-Artikolu 14 et seq. tal-Liġi Nru 211/2004 rigward ċerti miżuri li jipprovdu għal informazzjoni, appoġġ u protezzjoni lill-vittmi ta' reati).

tingħata għajnuna legali bla ħlas, fuq talba, lill-kategoriji ta' vittmi li ġejjin:

1. il-persuni li kontribom ikunu twettqu r-reati li ġejjin: tentattiv ta' omiċidju, omiċidju involontarju, offiża fuq il-persuna, offiża fuq il-persuna, reat volontarju li jirriżulta f'offiża fuq il-persuna tal-vittma, stupru, attakk sesswali, konġunġiment karnali ma' minorenni, korrompiment sesswali ta' minorenni;
2. il-konjuġi, it-tfal u l-persuni dipendenti fuq il-persuni li mietu bħala riżultat tat-twettiq tar-reati ta' omiċidju volontarju, omiċidju involontarju u reati volontarji li rriżultaw fil-mewt tal-persuna.

Tingħata għajnuna legali bla ħlas lill-vittmi msemmija hawn fuq jekk ir-reat ikun twettaq fit-territorju tar-Rumanija jew, meta r-reat ikun twettaq barra mit-territorju tar-Rumanija, jekk il-vittma tkun ċittadin Rumenu jew barrani li jirrisjedi legalment fir-Rumanija u l-proċedimenti kriminali jitmexxew fir-Rumanija.

Tingħata għajnuna legali bla ħlas, fuq talba, lill-vittmi ta' reati oħra jekk id-dħul ta' kull xahar tal-vittma għal kull membru tal-familja ma jaqbiż is-salarju bażiku minimu gross nazzjonali għas-sena li fiha l-vittma ppreżentat ir-rikors tagħha għal għajnuna legali bla ħlas.

L-għajnuna legali bla ħlas tingħata biss jekk il-vittma tkun irreferiet lill-korpi tal-prosekuzzjoni jew lill-qorti fi żmien 60 jum mit-twettiq tar-reat jew mid-data meta l-vittma tkun saret konxja mit-twettiq tar-reat. Jekk il-vittma ma tkunx kapaċi, fiżikament jew mentalment, li tirrapporta lill-korpi tal-prosekuzzjoni, il-limitu ta' żmien ta' 60 jum jiġi kkalkulat mid-data meta l-inkapaċità tkun waqfet.

Il-vittmi li ma jkunux laħqu l-età ta' 18-il sena u dawk li jitqiegħdu taħt ordni ta' projbizzjoni ma għandhomx l-obbligu li jirrapportaw lill-korpi ta' prosekuzzjoni jew lill-qorti b'rabta mat-twettiq tar-reat. Ir-rappreżentant legali tal-minorenni jew tal-persuna li titqiegħed taħt l-ordni ta' projbizzjoni jista' jirrapporta lill-korpi ta' prosekuzzjoni b'rabta mat-twettiq tar-reat.

Ir-rikors għal għajnuna legali bla ħlas jiġi ppreżentat lill-qorti distrettwali li fil-ġurisdiżjoni tagħha l-vittma hija domiċiljata u tiġi deċiża minn żewġ imħallfin tal-Kummissjoni għall-Għoti ta' Kumpens Finanzjarju lill-Vittmi permezz ta' konklużjoni fi żmien 15-il jum mid-data tas-sottomissjoni. Kopji tad-dokumenti ta' sostenn għall-informazzjoni li tinsab fir-rikors għal għajnuna legali bla ħlas, kif ukoll kwalunkwe dokument ieħor fil-pussess tal-vittma, li huma utli biex tittieħed deċiżjoni dwar ir-rikors, għandhom jiġu annessi ma' dak ir-rikors.

Ir-rikors għal għajnuna legali bla ħlas jiġi deċiż *in camera*, fejn il-vittma tissejjaħ tidher.

Jekk il-vittma ma tkunx għażlet avukat, id-deċiżjoni favur l-aċċettazzjoni tar-rikors għall-għajnuna legali bla ħlas għandha tinkludi wkoll il-ħatra ta' avukat *ex officio* skont il-Liġi Nru 51/1995 dwar l-organizzazzjoni u l-eżerċitar tal-professjoni ta' avukat, ippubblikata mill-ġdid, kif sussegwentement emendata u supplimentata, u skont ir-Regolamenti dwar il-professjoni ta' avukat.

Il-vittma tiġi nnotifikata bil-konklużjoni dwar ir-rikors għall-għajnuna legali bla ħlas. Il-konklużjoni li tiċħad ir-rikors għal għajnuna legali bla ħlas hija soġġetta għal stħarriġ mill-qorti distrettwali, li lilha tappartjeni l-Kummissjoni għall-Għoti ta' Kumpens Finanzjarju lill-Vittmi ta' Reati, fuq talba tal-vittma, fi żmien 15-il jum min-notifika. L-istħarriġ isir minn bord magħmul minn żewġ imħallfin.

Għajjnuna legali bla ħlas tingħata lil kull vittma għad-durata tal-proċedimenti sa limitu ta' ammont ekwivalenti għal żewġ salarji bażiċi minimi grossi nazzjonali, kif stabbiliti għas-sena li fiha l-vittma tkun ippreżentat ir-rikors għal għajjnuna legali bla ħlas. Il-fondi meħtieġa għall-għoti ta' għajjnuna legali bla ħlas jingħataw mill-baġit tal-Istat, permezz tal-baġit tal-Ministeru tal-Ġustizzja.

Id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jiġu applikati wkoll kif xieraq għall-għoti tal-ammonti meħtieġa għall-eżekuzzjoni tas-sentenza dwar l-għoti ta' kumpens ċivili lill-vittma ta' reat.

Ir-rikors għal għajjnuna legali bla ħlas u t-talba għall-ammont meħtieġ biex tiġi eżegwita d-deċiżjoni li tat kumpens ċivili lill-vittma ta' reat jistgħu jiġu ppreżentati wkoll mir-rappreżentant legali tal-minorenni jew tal-persuna li tkun taħt l-ordni ta' projbizzjoni. Ir-rikors għal għajjnuna legali bla ħlas u t-talba għall-ammont meħtieġ biex tiġi eżegwita d-deċiżjoni li tat kumpens ċivili lill-vittma ta' reat huma eżentati mit-tariffa tal-boll.

Hemm xi organizzazzjonijiet tal-appoġġ għall-vittmi li jistgħu jgħinuni nitlob kumpens f'każ transfruntier?

Ir-rikors għal għajjnuna legali bla ħlas u t-talba għall-ammont meħtieġ għall-eżekuzzjoni tas-sentenza li tagħti kumpens ċivili lill-vittma tar-reat jistgħu jiġu ppreżentati wkoll minn organizzazzjonijiet mhux governattivi li l-attività tagħhom tinvolvi l-protezzjoni tal-vittmi jekk ikunu ffirmati mill-vittma, jekk jinkludu l-informazzjoni kollha u jkunu akkumpanjati mid-dokumenti ta' sostenn meħtieġa.

■ L-aħħar aġġornament: 15/10/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.